# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Numru 5**

**Avviz numru 1252/00mm**

**Il-Prokuratrici Legali Rose Sciberras**

**Vs**

**Waldonet Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fit-13 ta' Settembru, 2000, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u tmenin lira Maltin (Lm280) danni lilha kkagunati bi htija tas-socjeta' konvenuta stante li gie ndikat lilha "websave internet access number" zbaljat;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali tal-14 ta' Gunju, 2000, u tat-3 ta' Lulju, 2000, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' eccipjenti ma hija fl-ebda mod responsabbli ghad-danni allegatament inkorsi mill-attrici.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Novembru, 2001, li bih innominat lit-tekniku Martin Bajada sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta;

Rat ir-relazzjoni pprezentata fit-23 ta' April, 2002, u mahlufa fis-7 ta' Mejju, 2002;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li ghal habta ta' Novembru, 1999, l-attrici thajret iddahhal is-servizz ta' l-*internet* fis-sistema telefonika tar-residenza taghha. Ghalhekk avvicinat lis-socjeta' konvenuta sabiex tipprovdilha s-servizz maghruf bhala '*websave night*'. Is-socjeta' konvenuta taghtha numru illi l-attrici bdiet topera bih. Wara ftit biddlet is-servizz ghal wiehed maghruf bhala '*websave unlimited*'.

Is-socjeta' konvenuta taghtha xi numri sabiex tuza dan is-servizz, izda l-beneficcju ta' l-uzu tieghu ma kienx manifest, peress illi l-attrici bdiet tircievi kontijiet esorbitanti li kienu qeghdin jindikaw kalkoli bil-*pulses* u mhux bis-servizz illi suppost kellha.

A skans ta' ripetizzjoni, l-Qorti taghmel referenza ghar-relazzjoni u ghad-dokumenti pprezentati, principalment ghad-dokument mmarkat bhala Dok MB 10, illi hija ittra mibghuta mill-Maltacom lis-socjeta' Datastream Limited li hija sussidjarja ta' l-istess Maltacom fejn approvat illi l-ammont ta' mitejn u tlieta u sebghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm273.52) kellu jkun jigi mnaqqas mill-kont ta' l-attrici minhabba zball fin-numru illi giet moghti lilha.  Il-kliem testwali f'dan id-dokument jghid, "Due to the usage of inappropriate number to connect to the websave service…"

Dan l-*inappropriate number* gie moghti lill-attrici mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk ghal dan in-nuqqas huwa ovvju illi ghandha tirrispondi l-istess socjeta'.

Sakemm il-Qorti ghaddiet ghall-prolazzjoni ta' din is-sentenza, mhuiex maghruf jekk dan l-ammont fil-fatt tnaqqasx mill-kont ta' l-attici jew inkella b'xi mod gie rifuz lilha.

Ghalhekk peress illi kienet tezisti relazzjoni kummercjali bejn l-attrici u is-socjeta' konvenuta, hija din l-ahhar socjeta' illi ghandha tbati dan l-ammont sakemm is-sitwazzjoni tigi stabbilita u jsiru l-bilanci kif opportun.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u sebghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm273.52) danni kkagunati lill-attrici minhabba *"websave internet access number"* zbaljat illi gie moghti lill-attrici mis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Deputat Registratur